

**Dispożittiv**

- (1) Billi rrifjutat li tikkalkula, tiddikjara u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea r-riżorsi proprji marbuta mal-importazzjoni ta' materjal militari matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, kif ukoll billi rrifjutat li tħallas l-imgħaxijiet moratorji dovuti wara li naqset milli tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea l-imsemmija riżorsi proprji, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1152/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996, u taħt l-istess artikoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet.
- (2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.
- (3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 296, 26.11.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-387/05) (<sup>1</sup>)

**“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Importazzjoni b'eżenzjoni mid-dażju ta' materjal b'użu doppju ċivili u militari”**

(2010/C 51/05)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Wilms, L. Visaggio u C. Catabriga, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. M. Braguglia, aġent, G. De Bellis, avvocato dello Stato)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 26 KE u ta' diversi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali [(Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), l-Artikoli 2, 9, 10 u 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom (ĠU L 155, p. 1)] u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169 — 180) — Importazzjoni eżenti mit-taxxa doganali fuq materjal li għandu użu militari u ċivili — Rifjut li jiġu kkalkulati s-somom li kellhom jinġabru u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet.

**Dispożittiv**

- (1) Billi eżentat l-importazzjoni ta' materjal li jista' jintuża kemm għal użu ċivili kif ukoll għal dak militari, fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Diċembru 2002, mid-dażji doganali, u billi rrifjutat li tikkalkola, li tikkonstata u li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ir-riżorsi proprji tagħha li ma nġabru minħabba din l-eżenzjoni kif ukoll l-interessi moratorji dovuti minħabba n-nuqqas tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' dawn ir-riżorsi proprji fit-termini stabbiliti, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, minn naħa, taħt l-Artikolu 26 KE, l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità u, konsegwentement, it-tariffa doganali komuni, u min-naħa l-oħra taħt l-Artikoli 2, 9, 10 u 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/1989, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996, kif ukoll mill-istess artikoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet.
- (2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.
- (3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 28.01.2006